**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 115/2020/3 AL

**A B C (KI 342788M)**

**vs**

**Dr Simon Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokurtur Legali Madeline Firman maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti Y O G (KI 30345A) permezz ta' digriet datat nhar il-11 ta' Settembru 2019**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru 3804/2016)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi A B C ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021, liema rikors ġie pprezentat bil-lingwa Ingliza;[1]

Rat illi l-kuratur deputat Dr Simon Micallef Stafrace in rappreżentanza tal-assenti Y O G ġie debitament notifikat bl-atti nhar il-21 ta' Ġunju 2021, u dan flimkien

[1] Fol. 2.

ma' estratt tal-Artikolu 5 tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz), Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta.[2] Madanakollu ebda risposta ma ġiet ipprezentata entro t-terminu stabbilit fid-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Ġunju 2021;[3]

Rat id-digriet ta' nhar is-6 ta' Awwissu 2021, fejn il-Qorti ordat lill-attriċi sabiex tipprezenta traduzzjoni tar-rikors in kwistjoni fil-lingwa Maltija u dan in vista tal-fatt illi din hija l-lingwa li biha qiegħda titmexxa l-azzjoni odjerna;[4]

Rat in-nota tal-attriċi datata 26 ta' Awwissu 2021, permezz ta' liema pprezentat ir-rikors fil-lingwa Maltija u dan in ottemporanza mad-digriet tas-6 ta' Awwissu 2021;

Rat ir-rikors tal-attriċi fil-lingwa Maltija, fejn l-attriċi ppremettiet:

*Illi l-attrici pprezentat procedure gudizzjarji intizi sabiex tkun ippronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet filwaqt ukoll li tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet konsegwenti ghaz-zwieg taghhom, liema zwieg gie ccelebrat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), fost talbiet ohrajn.*

*Illi l-intimat harab minn Malta u huwa, prezubilment, ghadu jirrisjedi u jahdem gewwa l-iStati Uniti.*

*Illi filwaqt li l-partijiet mghandhom l-ebda proprjeta' in komuni bejniethin f'Malta, ir-rikorrenti mhijiex konxja ta' transazzjonijiet li l-intimat jista' jkun qieghed jaghmel, u wisq anqas ma jista' jkollha kontroll fuq l-istess, liema transazzjonijiet jistghu ikunu ta' pregudizzju ghaliha u ghall-kommunjoni.*

*Illi l-esponenti ilha tassumi l-piz finanzjarju wehidha f'Malta ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mat-trobbija ta' bint il-partijiet, minghajr l-ebda forma ta assistenza da parti tal-intimat, kemm f'termini finanzjarji u wisq anqas assistenza ta' xort'ohra, u li mghandha l-ebda forma ta' kuntatt mal-istess.*

*Illi l-esponenti qieghda tfittex proprjeta' sabiex fiha tistabbilixxi ruhha u trabbi lil bintha fiha, il-post li tkun tista' ssejjah darha.*

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 4.
[4] Fol. 7.

*Ghaldaqstant l-esponnti, ghar-ragunijiet premessi u ohrajn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:*

1. *It-terminazzjoni mmedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*
2. *Illi r-regim applikabbli bejn il-partijiet minn issa 'l quddiem ghandu jkun dak tas-separazzjoni tal-assi;*

*Salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

3. *Illi l-partijiet ilhom de facto separate ghal iktar minn erba' (4) snn fejn precedentement ghal ftuh tal-kawza ta' separazzjoni l-partijiet pruvaw diversi drabi jaslu ghal separazzjoni bonarja.*

4. *Illi matul il-proceduri odjerni l-esponenti gabet diversi provi rigwardanti l-kommunjoni tal-akkwisti u f'dan ir-rigward ghalqet ukoll il-provi taghha.*

5. *Illi l-kommunjoni tal-akkwisti hija ormai definite stante illi din tikkonsisti f'zewg propjetajiet zghar (garage u hanut minn fejn topera l-esponenti), ghodda, snieter, dejn li qed jithallas unikament mill-esponenti stante illi l-konvenut irrifjuta li jhallas nofs repayments tal-loan, mobbli fid-dar matrimonjali li ma hijiex tal-kommunjoni u li minnha l-esponenti diga vvakat u crediti rispettivi.*

6. *Illi fil-kors tal-proceduri jirrizulta bic-car li kull parti ghandha dhul indipendenti ghall-ghejxien fejn l-esponenti qed tgix ghal rasha mentri l-konvenut baqa' jghix fid-dar matrimonjali.*

7. *Illi l-Artikolu 55 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-Qorti tsta' f'kul zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mil-mizzewgin tordna l-waqfin tal-kommunjoni tal-akkwisti jew tal-kommunjoni tar-residwu that amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin.*

8. *Illi dan l-ordni ta' waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tinghata b'sentenza kif jiddisponi l-Artikolu 55 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

9. *Illi l-esponenti ghandha d-dritt tkompli b'hajjitha u taghmel dawk l-atti kummercjali u civili minghajr il-htiega tal-kunsens ta' zewgha anki sakemm il-procedura ta' separazzjoni tiehu l-kors taghha u di piu' m'hemmx raguni ghala tali talba ghal dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-kommunjoni ghandha tigi opposta.*

10. *Illi din il-Qorti kif preseduta fil-kawza rikors guramentat numru 373/11 (AL) fl-ismijiet "Godwin Ghigo vs Charmaine Ghigo" b'sentenza tat-18 ta' Gunju, 2014 liema kawza kienet ghadha mhix res judicata ddecediet ghax-xoljiment ta' l-istess kommunjoni tal-akkwisti waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

11. *Illi kif gia' espress l-esponenti diga pproduciet rapprezentanti tal-banek sabiex jixhdu dwar il-kontenut tal-kontijiet bankarji kollha tal-partijiet u investimenti kif ukoll ipproduca l-atti notarili kollha rigwardanti l-assi tal-kommunjoni u ghalhekk mill-provi diga huwa stabbilit l-gid u d-dejn tal-kommunjoni tant illi l-partijiet ilhom iktar minn erba' (4) snin jghixu hajja indipendenti minn xulxin.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna xolta l-kommunjoni tal-akkwisti.*

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[5]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

***1. L-Azzjoni Odjerna:***

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attriċi A B C sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif tallega illi ġialadarba zewġha prezubilment qiegħed jirrisjedi u jaħdem

[5] Fol. 6.

ġewwa l-iStati Uniti, hija ma għandha l-ebda kontroll dwar it-transazzjonijiet li dan jista' jagħmel, liema transazzjonijiet jistgħu ikunu ta' preġudizzju għaliha nnifisha u l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Barra minn hekk tikkontendi ukoll illi tenut kont taċ-ċirkostanzi, tixtieq illi tistabbilixxi d-dar tagħha u dan mingħajr ebda involvement tal-intimat. Min-naħa l-oħra, ma ġietx ipprezentata risposta għan-nom tal-konvenut entro t-terminu stabbilit minn din il-Qorti.

## 2. *Prinċipji Legali:*

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun*

[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

*ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. *Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tara illi għat-talba tal-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-konvenut kif rapprezentat kellu kull fakolta' illi jressaq risposta entro t-terminu stabbilit minn din il-Qorti fejn jelenka l-oġġezzjonijiet tiegħu u *di piu'* jezebixxi kull prova neċessarja sabiex jikkorrabora l-allegat preġudizzju sproporzjonat. Madanakollu dan ma sarx u b'hekk f'għajnejn din il-Qorti ma jidhirx li hemm oġġezzjoni għat-talba kif dedotta mill-attriċi.

Għal kull buon fini u f'dan il-kuntest, il-Qorti rat illi fir-risposta ġuramentata għar-rikors promotur, il-kuraturi deputati eċċepew illi m'humiex edotti mill-fatti.[9] Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni għat-talba kif dedotta u provi dwar kwalunkwe preġudizzju sproporzjonat li jista' jiġi soffert, il-Qorti tara li t-

[8] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.
[9] Fol. 31 tal-proċess bin-numru 115/2020AL.

terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tfakkar illi jekk talba għall-waqfien tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti tiġi akkolta u b'hekk dan ir-reġim jiġi tterminat matul is-smigħ tal-kawza għall-firda personali, kull parti jibqala' d-dritt li ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, stante illi *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[10]

In vista tal-premess, il-Qorti ma tarax li ma għandhiex ma tilqax it-talbiet kif dedotti mill-konvenut fir-rikors tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2021.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

[10] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.